MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 270/2008

**A B**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet ta' l-4 ta' Lulju, 2008, gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri C D u lill-assenti E F G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent kellu relazzjoni mal-intimata, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C D fid-19 ta' Gunju, 2007.

Illi l-partijiet indikati qatt ma zzewgu.

Illi fuq l-att tat-twelid tal-minuri C D, fil-kolonna tad-dettalji tal-missier hemm imnizzel missier mhux maghruf.

Illi l-missier naturali tal-minuri C D huwa r-rikorrent u dwar dan il-fatt m'hemm l-ebda dubju.

Illi r-rikorrent interpella lill-intimata diversi drabi anka permezz ta' ittra ufficjali sabiex huwa jigi rikonoxxut bhala missier it-tifel tal-partijiet izda ma sab l-ebda kooperazzjoni da parte tal-intimata.

Illi jkun fl-interess tat-tifel in primis li fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu, ir-rikorrent jigi mnizzel bhala missieru u hekk l-istat ta' fatt jaqbel ma' dak legali. Illi r-rikorrent irid access versu l-istess minuri u huwa segwa l-procedura tal-medjazzjoni ghal dan l-ghan.

Ghaldaqstant, jitlob ir-rikorrent sabiex din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

Tiddikjara li t-tifel bl-isem ta' C D li twieled mill-intimata fid-19 ta' Gunju, 2007, huwa iben ir-rikorrent A B.

Tordna li kunjom il-minuri C D jigi B u mhux G.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi C D u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem ir-rikorrent u l-konnotati tieghu jidhru fuq l-Att imsemmijin taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "eta'", "fejn twieled", "fejn joqoghdu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u l-kunjom tal-minuri ikun dak ta' B.

Tiffissa access li r-rikorrent ghandu jkollu versu l-minuri u dan ghas-spejjez tal-intimata filkas li din tibqa' tghix barra minn Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 2007, kontra l-intimata ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno biex jirraprezentaw lill-assenti E F G u l-minuri C D G.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet tar-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

Illi l-esponent jidhirlu li l-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu differenti mill-kuraturi deputati li jirraprezentaw l-interessi ta’ l-assenti E F G stante li jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

Illi fir-rigward tar-raba’ talba, l-esponent jirrileva li mhux il-legittimu kontradittur.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati fejn dawn eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'stadju ulterjuri.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob li jigi legalment rikonoxxut bhala missier il-minuri C D G.

Jirrizulta illi l-attur kellu relazzjoni ma' E F G ghal xi zmien. L-imsemmija E F G harget tqila u welldet tarbija. Hija sussegwentement harbet minn Malta bit-tarbija qabel ma l-attur gie rikonoxxut bhala l-missier u dan peress illi saz-zmien tat-twelid, ir-relazzjoni bejn omm u missier it-tarbija kienet sfaxxat.

Fin-nuqqas ta' provi xjentifici, il-Qorti trid tasal ghall-konkluzjoni taghha permezz tal-provi l-ohra prodotti mill-attur. Dawn jikkonsistu essenzjalment fl-affidavit tieghu stess u dawk ta' ommu u ta' ohtu li jikkonfermaw ic-cirkostanzi tat-twelid tal-minuri, partikolarment l-inkwiet kbir li kien inqala' meta E G, omm it-tarbija, bdiet tinsisti li tabortixxi, pjan dan li ma rnexxilhiex twettaq ghaliex ma kellhiex mezzi finanzjarji. Sinjifikanti u ta' piz huwa dak li sehh wara t-twelid. Ghalkemm b'hafna sforzi u insistenza kemm omm it-tarbija kif ukoll in-nanna materna kienu bdew jaccettaw li l-attur u l-familjari tieghu jiltaqghu mat-tarbija. Sahansitra, in-nanna materna haditu maghha f'tieg ta' hu l-attur odjern. Qatt ma gie espress ebda dubju li t-tarbija hija in realta' bin A B. Jirrizulta ukoll li l-genituri tal-minuri kienu ddiskutew bejniethom x'kunjom ghandu jkollu l-minuri.

Il-ligi in materia (Art. 86) tipprovdi illi:

“It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista’ jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:

Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta’ ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma’ dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta’ xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista’ jmexxi b’rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta’ dak it-taghrif fl-atti ta’ l-stat civili relattivi”.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi u r-rekwiziti minnu mposti gew pruvati b’mod sodisfacenti.

Il-Qorti irriflettiet fit-tul dwar kif jista’ jigi ezercitat l-access tal-missier ghall-minuri. Fin-nuqqas ta’ informazzjoni dwar ic-cirkostanzi li fihom qed jghixu l-genituri tat-tifel, il-Qorti qieset li, fl-interess suprem tal-minuri ghandu jsir kif gej.

Sakemm il-minuri jkun barra minn Malta, il-missier ikollu dritt izuru darbtejn fis-sena a spejjez tieghu ghal hmistax-il jum kull darba. Tul dawn iz-zjarat, il-missier ghandu jkollu access liberu u ampju ghall-minuri dejjem fil-prezenza ta’ omm il-minuri.

Jekk u meta l-minuri jkun Malta, il-missier ghandu jkollu access ghalih ghal saghtejn kuljum fil-prezenza ta’ omm il-minuri.

E G hija obbligata tigi Malta mill-anqas darba fis-sena a spejjez taghha ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn hmistax-il gurnata.

**Ghalhekk, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li C D li twieled fid-19 ta’ Gunju, 2007, huwa iben naturali ta’ A B.

Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 1988 tas-sena 2007 jitnizzlu fil-kolonna dwar il-missier il-konnotati ta A B, Nru. Tal-Karta tal-Identita’ omissis (k.i. nru.) iben H B, (haj), ta’ l-eta’ ta’ 25 sena imwieled Pieta’ u residenti Birkirkara, iben H B, haj.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E G b’dana illi provvisorjament, id-drittijiet tal-kuraturi jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------